MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10

It-Tlieta 25 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 10.1 Talba

10.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.00 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 10.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai kien skużat peress li l-Kunsill irċieva l-ittra t'apoloġija. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 10.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 8 u tal-laqgħa bin-numru 9, kif ukoll il-minuti tal-laqgħa pubblika ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

10.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

10.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

10.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li ġiet mqasma t-28 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" f'kull residenza. Dan ġie ppreparat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Flimkien mal-fuljett tqassam ukoll avviż biex kull resident jiġbor pakkett boroż tar-riċiklaġġ mill-uffiċċju tal-Kunsill li ngħata mill-iskema GreenPAK.

10.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li l-Kunsill irċieva konsenja ta' boroż tal-iskart organiku mingħand WasteServ Malta Ltd biex jitqassmu lir-residenti. Kull residenza hija ntitolata għal żewġ

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

pakketti boroż. Ġie deċiż li jinħareġ avviż lir-residenti biex jinġabru mill-Kunsill.

10.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li sar ix-xogħol ta' żbir tal-pjanti *pittisporum* u oħrajn fil-*playingfield* u fil-*belvedere* ta' tarf Triq Ta' Mulejja. Huwa qal ukoll li hemm bżonn jinxtraw 20 pjanta tal-*lantana* għall-*playingfield*. Kien hemm qbil dwar dan.

10.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li ngħatat is-sentenza dwar l-appell li kien għamel l-Avukat Ġenerali dwar il-każ tat-teħid tal-kompjuters mill-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv talab kopja tas-sentenza lill-avukat tal-Kunsill iżda qalilna li għad m'għandux kopja madanakollu l-avukat informa lill-Kunsill li l-multa telgħet minn €5.00 għal €250.00.

10.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li b'referenza għall-kuntratt iffirmat rigward il-premju ta' €2,000 b'konnessjoni mal-kompetizzjoni 'Xettel fir-Rebbiegħa', il-Kunsill bagħat id-dokument kollha mitluba fosthom l-*invoice* u l-irċevuta fiskali ta' *GaleaCurmi Engineering Consultants Ltd* b'rabta max-xogħlijiet li għamlu biex ġew installati 26 fanal LED dekorattiv ġdid fi Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal A. Franchi.

10.4.6 Is-Sindku għarraf ukoll li t-€3,000 tal-premju tal-*Organic Waste Project* li ngħata lill-Kunsill fis-sena 2019 għadhom ma' daħlux. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li WasteServ Malta Ltd qed titlob aktar dokumentazzjoni fosthom l-ittri tal-premjijiet minħabba li qed titfixkel mal-premju li l-Kunsill ingħata fis-sena 2018 liema flus tal-premju tas-sena 2018 ingħataw f'Diċembru 2019.

10.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li baqa' ammont ta' kotba li kienu ġew stampati fl-għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali bl-isem "Il-Fontana u Ġrajjietha" u ppropona sabiex il-Kunsill javviċina xi ħwienet li jbiegħu l-kotba jekk humiex interessati jbiegħu dan il-ktieb mill-ħwienet tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

10.4.8 Is-Sindku ppropona sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Anthony Cordina (Ta' Ġużepp tal-Bazolli) tal-għotja tal-mudell tat-tagliaman li ta lill-Kunsill. Is-Sindku ppropona sabiex meta ssir xi ħarġa organizzata mill-Kunsill u jkun ser jattendi s-Sur Cordina ma jħallasx għat-trasport filwaqt li l-Kunsillier Horace Micallef ippropona li il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Kunsill jagħtih ktieb "Il-Fontana u Ġrajjietha" b'xejn bħala radd il-ħajr tal-għotja li ta lill-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

10.4.9 Is-Sindku xtaq jiċċara punt li tqajjem fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill dwar dik il-persuna li resqet ilment mal-Viċi Sindku li ma ġietx avviċinata biex tingħata l-ikla fil-Milied mqassma mill-Kunsill. Is-Sindku qal li fl-aħħar seba' darbiet li tqassmu dawn l-ikliet din il-persuna dejjem irrifjutat bl-aħħar darba tkun f'Ġunju 2019 u għalhekk f'Diċembru 2019 ma ġietx avviċinata għal din ir-raġuni.

10.4.10 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex darba fix-xahar il-Kunsill jorganizza laqgħa jew taħdita li tkun relatata ma' oqsma differenti tal-ħajja, fosthom is-saħħa, u li tkun miftuħa għar-residenti tal-lokalita'. Waqt din il-laqgħa li tista' ssir anke fil-ħinijiet ta' filgħodu, dawk li jattendu jingħataw ftit te' jew cafe'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

10.4.11 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li fuq talba ta' WasteServ Malta Ltd saret laqgħa magħhom fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv fis-Sala tal-Komunita'. Ġew diskussi diversi punti fosthom it-trakk speċjalizzat li qed iżur il-lokalita' kull tieni Ħamis tax-xahar biex il-Kunsill jikkunsidra jalloka siegħa minnhom fit-toroq Triq il-Kardinal A. Franchi u Triq John G Le Marchant; l-erba' *stackable bins* tar-riċiklaġġ li jistgħu jinġabru mir-residenti mill-faċilita' ta' WasteServ bejn it-8.00am u l-5.30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa; il-preżenza tagħhom waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsill; sessjonijiet ta' informazzjoni lir-residenti f'post ċentrali fil-lokalita'; tour tal-faċilitajiet tagħhom waqt xi ħarġa organizzata mill-Kunsill; u ħeġġew il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-*European Week for Waste Reduction*. Wara diskussjoni dwar dawm il-punti, il-membri laqgħu u qabblu mas-suġġerimenti mressqa minn WasteServ Malta Ltd u flimkien mal-avviż biex jinġabru l-boroż tal-iskart organiku ġie deċiż sabiex jinħarġu xi avviżi oħra relatati ma' dawn is-suġġerimenti. Kien hemm qbil mill-Kunsill ukoll li ssir laqgħa ta' informazzjoni lir-residenti tal-lokalita' minn rappreżentant ta' WasteServ Malta Ltd.

10.4.12 Is-Sindku qajjem punt dwar it-tiżjin tal-Milied ta' Triq il-Għajn fid-dawl li ser jiġi approvat il-kont tax-xogħol li sar f'din it-triq. Is-Sindku informa lill-membri li fit-28 u fit-30 ta' Diċembru 2019 it-tiżjin kien mitfi fl-aqwa jiem tal-festi minkejja li nġibdet l-attenzjoni mis-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Segretarju Eżekuttiv wara li ġie nfurmat mis-Sindku dakinhar stess. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni bil-miktub lis-Sur George Schembri għan-nom tal-Għaqda tal-Armar Fontana dwar dan. Il-ħlas tal-konsum tad-dawl diġa' tħallas lis-Sur Michael Bugeja għar-raġuni li sar arloġġ tad-dawl wieħed għal Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan G Hili għall-ammont ta' €30.00, filwaqt li l-kont tal-konsum tad-dawl tas-sena l-oħra għadu ma nġabx il-Kunsill.

## 10.5 Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti;

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku u organiku mil-lokalita' tal-Fontana ġiet ippubblikata llum u tagħlaq fis-17 ta' Marzu 2020. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mill-istess persuni li kienu fil-bord tal-istess offerta li kienet ħarġet f'Mejju 2019. Il-bord se jkun magħmul minn William Sultana bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord, l-*Accountant* Daniel Galea, l-Inġinier Matthew Cauchi u l-Avukat Jean Paul Grech.

10.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li b'rabta max-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq ta' Mulejja li l-Kunsill ser iwettaq, fuq talba tas-Sindku, il-Perit tal-Kunsill bagħat *Bill of Quantities* sabiex tintbagħat lil dawk il-kuntratturi li l-Kunsill iddeċieda li javviċina għall-kwotazzjoni. Wara gwida mid-dipartiment u hekk kif deċiż mill-membri, lil dawn il-kuntratturi ser nagħtuhom ukoll kopja tal-kundizzjonijiet li kienu ħarġu fis-sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil mill-membri wkoll sabiex jekk dawn l-erba' kuntratturi juru interess iridu jġibu l-kwotazzjoni f'envelope issiġillat sat-30 ta' Marzu 2020 sa nofsinhar biex imbagħad dawn il-kwotazzjonijiet jinfetħu waqt il-laqgħa u wara jiġu evalwati minn bord. Kien hemm qbil mill-membri wkoll li x-xogħol għandu jibda fl-1 ta' Lulju 2020, biex ikun tlesta r-restawr tal-Knisja Parrokjali kif ukoll il-Festi tal-Qalb ta' Ġesu.
B'rabta mal-istess xogħlijiet, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa ġie avviċinat il-Kappillan dwar ix-xogħlijiet li ser isiru mill-Kunsill u jekk il-Parroċċa tixtieqx tagħmel ix-xogħol ta' pavimentar fil-parti tal-propjeta' tagħha, u tiffinanzjah hi stess, biex ikun tal-istess materjal u jsir fl-istess żmien. Il-Kappillan wieġeb li la darba l-Kunsill jiddeċiedi min ser ikun il-kuntrattur ikun

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

jista' jitlob stima għax-xogħlijiet fil-parti tal-Parroċċa u jiddeċiedi dakinhar skont l-istima.

10.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser toħroġ ukoll is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-provvediment u l-installazzjoni ta' apparat ġdid tal-logħob għall-*playingfield* biex tinbidel il-*playhouse* eżistenti li għandha xi ħsarat strutturali.

10.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dwar l-ispejjeż addizzjonali li ser isiru fil-proġett ta' Triq il-Għajn, il-Kunsill ser jibgħat għall-approvazzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali Christopher Galea minħabba li skont il-proċeduri tal-akkwist, jekk dawn l-ispejjeż jaqbżu l-15% tal-proġett ikun hemm bżonn l-approvazzjoni tad-Direttur. Il-Kunsill innota dan filwaqt li s-Sindku tenna sabiex lid-Direttur ninfurmawh li dawn l-ispejjeż addizzjonali diġa' ġew mgħoddija lill-Kunsill mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li fit-13 ta' Frar 2020 bagħat *email* lil Gatt Tarmac Ltd biex issir laqgħa dwar il-proġett iżda sal-ħin tal-laqgħa kien għadu ma weġibx.

## 10.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020;

10.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020 mhejji mill-*Accountant* is-Sur Daniel Galea.
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-sommarju ġie emendat u fih ukoll hemm imniżżel li l-Kunsill qed jivvota l-allokazzjoni li ngħatat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' €10,000 għas-servizz tal-knis fil-lokalita'.
L-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.7 Il-Pjan ta' Ħidma ta' Ħames Snin 2020-2024;

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-pjan tal-ħidma ta' ħames snin 2020 – 2024 (*business plan*) mhejji mill-*Accountant* is-Sur Daniel Galea.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-sommarju ġie emendat u fih ukoll hemm imniżżel fid-dettall il-proġetti u x-xogħlijiet li l-Kunsill ser ikun qed iwettaq f'din is-sena jiġifieri fis-sena 2020.
Il-pjan tal-ħidma ta' ħames snin 2020 – 2024 (*business plan*) ġie approvat unanimament minn dawk preżenti u ġie iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10.8 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2019;**

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-*Financial Statements* għas-sena 2019 mhejji mill-*Accountant* is-Sur Daniel Galea.
Għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm preżenti l-*Accountant* is-Sur Daniel Galea fejn spjega fid-dettal dan ir-rapport.
Il-*Financial Statements* għas-sena 2019 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati erba' kopji mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10.9 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2019 - Diċembru 2019;**

10.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 t'Ottubru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.
Dan ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur : Ottubru 2019 – Diċembru 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10.10.1 Ir-rapport dwar il-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja;**

10.10.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa ġie avviċinat l-Avukat Dr Noel Camilleri biex jassisti lill-Kunsill f'dan il-każ. Is-Sindku qal li l-Avukat Dr Noel Camilleri aċċetta u saret laqgħa miegħu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 14 ta' Frar 2020 ġewwa s-Sala tal-Komunita'. Is-Sindku qal li ġie spjegat lilu dan il-każ u marru fuq il-post ukoll. Is-Sindku informa lill-membri li waqt il-laqgħa l-Avukat qal li ser jirrispondi lill-awtoritajiet dwar il-każ b'rabta mal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Ispettur Gauci fid-dawl tar-rapport imhejji mill-Perit tal-Gvern, kif

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

ukoll nistennew li nirċievu risposta għall-applikazzjoni li saret mal-Awtorita' tal-Artijiet u l-kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-propjeta' ta' min ressaq l-ilment mingħand in-Nutar tal-Gvern.

10.10.2 Is-Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni u jinforma lill-membri dwar l-ilment li kien tressaq pubblikament fuq il-medja soċjali fejn irrefera għas-Sindku li qallu *"to either not to go out in my garden"*. Is-Sindku qal li dak li ntqal fuqu mhux minnu, dan għar-raġuni li wara l-laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-Perit John Saliba qatt ma' tkellem ma' min għamel dan l-ilment. Dwar il-punt l-ieħor fejn semma *"for any works to initiate, I need to prove that I owe the building"*, din ħarġet minn korrispondeza mibgħuta lilu mill-Kunsill wara li kienet diskusa fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 10.11 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

10.11.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Parroċċa Qalb ta' Ġesu' fejn il-Kappillan il-Kanonku Simon Mario Cachia qed jitlob *no objection* min-naħa tal-Kunsill sabiex jotjeni l-permessi mill-awtoritajiet għal tlett avvenimenti reliġjużi marbuta mar-Randan u mal-Ġimgħa Mqaddsa. Dawn l-avvenimenti huma: Purċissjoni tar-Redentur minn u lejn is-Santwarju nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu 2020; Quddiesa fil-beraħ fi Trejqet Grezzja Grima u Purċissjoni tad-Duluri lejn is-Santwarju nhar il-Ġimgħa 3 t'April 2020; Quddies fil-beraħ fi Triq San Martin u Purċissjoni bi Kristu fil-Flaġellazzjoni lejn is-Santwarju nhar it-Tnejn 6 t'April 2020.
Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni biex isiru dawn l-avvenimenti.

10.11.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Doreen Busuttil minn Transport Malta biex il-Kunsill jimla rapport rigward applikazzjoni ta' *reserved parking bay* fi Triq il-Kappillan Hili. Wara diskussjoni dwar dan fejn ħareġ il-fatt li f'dik it-triq hemm problema ta' parkeġġ ġie deċiż li jimtela' r-rapport bl-informazzjoni mitluba fosthom li l-applikant għandu garaxx mar-residenza tiegħu. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li skont ir-regolamenti ta' Transport Malta, f'kaz fejn ikun hemm garaxx l-aplikazzjoni tigi irrifjutata/ma tiġix milqugħa minn Transport Malta.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

10.11.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand TriGozo biex jinforma lill-Kunsill li fid-19 t'April 2020 ser issir attivita' fit-triq tax-Xlendi u din it-triq ser tkun magħluqa għat-traffiku.

10.11.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Menhir Qala Folk Group b'introduzzjoni għall-grupp tagħhom biex jekk il-Kunsill ikun ser jorganizza xi attivita' jista' jsir kuntatt magħhom għal aktar informazzjoni.

10.11.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-sezzjoni tal-*customer care* fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'ilment li fil-*playingfield* tal-Fontana hemm "climbing section is rusty and broken and kids can easily get hurt". Wara diskussjoni bejn il-membri fejn ħareġ il-fatt li għal dan l-ilment id-Dipartiment kien messu sejjaħ għal spezzjoni fuq il-post mal-partijiet konċernati, intqal ukoll li *climbing section* tal-ħadid li tista' tissaddad hemm biss fiż-żurżieqa u din mhix miksura u lanqas imsadda.

10.11.6 Ċirkulari SPI 1/2020 – Lifelong Learning 2020/2021. Is-Sindku nforma li fis-sena 2019, il-Kunsill ma ħa l-ebda kumpens talli pprovda s-Sala tal-Komunita' għal dawn il-korsijiet li kienu għal disa' xhur sħaħ għalhekk ippropona li jintalbu dawn il-fondi, kif ukoll qal li dawk li kienu jattendu għal dawn il-korsijiet ħadd minnhom ma' kien mill-Fontana.

10.11.7 Il-Kunsill irċieva l-fattura għas-servizzi mwettqa biex il-Kunsill ikollu l-*video on demand* hekk kif mitlub fir-riforma tal-liġijiet tal-Gvern Lokali minn Infinite Fushion Technoloġies bl-ammont ta' €1,416.00. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-servizz għadu mhux ta' kwalita' tajba u għalhekk din il-fattura ma ressaqiex għall-ħlas fl-iskeda tal-pagamenti. Huwa informa lill-membri li hekk kif irċieva l-fattura sar kuntatt mal-kumpanija li qiegħda tiprovdi s-servizzi u ġie ċċarat il-fatt li s-servizz tal-*video on demand* ser jiswa lill-Kunsill €1,416.00 fis-sena filwaqt li s-servizz ta' *live streaming* ser jiswa lill-Kunsill €849.25 fis-sena separatament. Il-Kunsill innota dan.

10.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kellu laqgħa mad-*Data Protection Officer* tal-Kunsill, l-Avukat Dr Jonathan Mintoff fejn il-Kunsill ingħata kopja tal-kuntratt iffirmat mill-partijiet kollha kif ukoll ħarġu xi punti li l-Kunsill irid jimplimenta sabiex ikun konformi mal-liġijiet tad-GDPR. Id-*Data Protection Officer* innota li rigward *CCTV*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

*cameras* tal-*playingfield* irid isir *masking* tal-propjetajiet li jidhru minn Triq Ta' Mulejja, irid jiġi determinat kemm ser ikun il-perjodu taż-żamma tal-informazzjoni; trid teħel tabella fis-Sala tal-Komunita' minħabba l-*live streaming* kif ukoll f'kull attivita' li ssir il-pubbliku jrid ikun avżat li ser jittieħdu xi ritratti. Ġie ssuġġerit ukoll sabiex isir kuntatt mal-Awtorita' tal-Artijiet, mal-Aġenzija LESA u mad-Dipartiment tal-Kummerċ biex jiġi stabbilit il-perjodu taż-żamma tal-informazzjoni li tinġabar f'isimhom mill-uffiċċju tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mar-rakkomandazzjonijiet tad-Data Protection Officer fosthom li isir xogħol ta' *masking* tal-*cameras* minn X-treme Technologies li kienu nstallaw is-servizz; il-perjodu taż-żamma tal-filmati jkun dak ta' 30 ġurnata; il-perjodu taż-żamma ta' informazzjoni sensittiva jkun ta' sentejn; il-perjodu taż-żamma ta' informazzjoni personali jkun ta' għaxar snin.

10.11.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar jekk il-Kunsill għandux l-interess li jiprovdi servizzi soċjali u tal-familja fil-lokalita' li preżentament qed jingħataw biss miċ-ċentri tal-Fundazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Il-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jirrifondi sa massimu ta' €1,000 fis-sena għall-ispejjeż relatati mal-għoti ta' dawn is-servizzi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jinforma lill-Kunsill Reġjonali Għawdex li hu interessat.

10.11.10 Ċirkulari AKL 2020/006 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 28. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.11 Ċirkulari AKL 2020/007 – Laqgħa tas-Sindki 22/02/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.12 Ċirkulari AKL 2020/008 – Sessjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta' Tenders 01/04/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.13 Ċirkulari AKL 2020/009 – Tqassim ta' Borża Organika mill-Wasteserv. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.14 Ċirkulari AKL 2020/010 – EUSEW2020 Awards: Nominate Women in Energy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

10.11.15 Ċirkulari AKL 2020/011 – Invitation: "Women in Politics: overcoming the gender gap", 5 March 2020, Brussels, CoR, JDE 51. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.16 Ċirkulari AKL 2020/012 – Malta Climate Change Townhall Meeting Fri 28 February 2020, 12.00hrs – 16.00hrs Seashells Resort. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.17 Ċirkulari AKL 2020/013 – Young Elected Politicians: Call for application – 2020 YEP programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.18 Ċirkulari AKL 2020/014 – Kalendarju t'Attivitajiet – AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.11.19 Ilment 03/2020
Jilmenta li hemm bankina miksura fi Triq L-Isptar San Ġiljan li tista' tkun ta' periklu għar-residenti. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex biex isir dan ix-xogħol, dan peress li hija triq arterjali li taqgħa taħt l-istess Ministeru.

10.11.20 Ilment 04/2020
Jilmenta li qed ikun impossibli li jsib parkeġġ quddiem id-dar tiegħu u qed jitlob għal *reserved parking bay* quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li jbati minn problemi f'saħtu. Il-membri qabblu li trid issir applikazzjoni ma' Transport Malta għal dan u jkunu jridu kopja tal-*blue badge*. Madanakollu l-Kunsill irrimarka li skont ir-regolament ta' Transport Malta, din it-talba tiġi rrifjutata la darba l-applikant ikollu garaxx mar-residenza tiegħu.

10.11.21 Ilment 05/2020
Qed tissuġġerixxi sabiex fil-lokalita' isiru lezzjonijiet ta' *crafts* fejn ir-residenti jitgħalmu ħiliet ġodda u jqattgħu ħin flimkien. Is-Sindku fakkar li darba fix-xahar, fuq proposta tiegħu approvata aktar kmieni f'din il-laqgħa ser jsiru laqgħat ta' informazzjoni fis-Sala tal-Komunita'.

10.11.22 Ilment 06/2020
Titlob sabiex jerġgħu jinżebgħu d-*double yellow lines* ta' faċċata tar-residenza tagħha fi Triq L-Isptar San Ġiljan minħabba li m'għadhomx jidhru, kif ukoll is-*safety railings* ta' mal-bankina tagħha. Kien hemm

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

qbil mill-membri sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex biex jinżebgħu d-*double yellow lines*.

10.11.23 Ilment 07/2020
Jilmenta li fi Triq il-Kappillan Hili hemm ħafna problemi ta' parkeġġ saħansitra qed jinħarġu kaxxi quddiem ir-residenzi bla permessi biex ma jipparkjawx. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġu nfurmati l-Uffiċċjali tal-Komunita (*wardens*) biex isir aktar infurzar fuq il-parkeġġ.

10.11.24 Ilment 08/2020
Jilmenta li hemm ħafna qtates abbundanti fi Triq John Gaspard Le Merchant u qed jagħmlu ħsara lill-vetturi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jinforma lill-*Animal Welfare* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

10.11.25 Ilment 09/2020
Jilmenta li hemm *bollard* mwaħla mal-art fi Triq il-Kappillan Hili, fl-entratura ta' Fontanella Gardens li qed tostakola l-aċċess f'każ li tkun trid tidħol xi vettura ta' emerġenza. Il-membri qalu li dik hija fil-privat u l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn.

## 10.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

10.12.1 Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri talbet biex isiru *double yellow lines* fi Trejqet Grezzju Grima ta' metru kull naħa tal-ewwel garaxx fil-bidu tat-triq. Kien hemm qbil dwar dan.

10.12.2 Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri ressqet suġġeriment sabiex isir xogħol ta' *patching* billi titqaxxar parti minn Trejqet Grezzju Grima. Is-Sindku wieġeb li bħalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan ix-xogħol minħabba li l-allokazzjoni għall-manutenzjoni tat-toroq għal din is-sena ġiet allokata għall-proġett ta' tisbieħ fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u parti minn Triq Ta' Mulejja, fejn hija ħafna agħar minn Trejqet Grezzju Grima li ma fija l-ebda ħsara fil-wiċċ. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

10.12.3 Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri talbet sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' residenza fi Triq Ta' Mulejja. Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie avviċinat mill-istess resident dwar dan ukoll. Kien hemm qbil li jsir dan ix-xogħol.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

10.12.4 Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq ilment ta' resident li joqgħod fi Triq il-Kardinal A. Franchi dwar xogħol ta' tikħil li hemm bżonn li jsir bejn it-tarmak u l-kurduna tal-bankina tiegħu. Is-Sindku qal li ser imur jiċċekja dwar ix-xogħol li hemm bżonn isir u kien hemm qbil mill-membri li jsir dan ix-xogħol.

**10.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

10.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 08/2019 għall-perjodu bejn it-30 ta' Jannar 2020 u l-25 ta' Frar 2020 li tammonta għal €9,090.47 ġiet approvata u ffirmata.

**10.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 30 ta' Marzu 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 30 ta' Marzu 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA